**3 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. . J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

William Zammit

*versus*

John Micallef

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Sentenza — Ritrattazzjoni — Nullità.**

*Appell minn sentenza tal-Board tal-Kera bażat fuq il-motiv illi dak il-Board iddeċieda l-kawża mingħajr ma ddekreta rikors magħmul minn wahda mill-partijiet biex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, biex dik il-parti timpunja l-kontijiet preżentati mill-parti l-oħra, għax hekk il-parti li għamlet dik id-domanda ma kellhiex l-opportunità tagħmel dik l-impunjattiva, hua inattendibbli; għax dik is-sentenza mhix appellabbli, billi ebda punt ta' liġi ma hemm b'daqshekk deċiż fis-sentenza appellata.*

*Motiv simili jista' jagħti lok, mhux għall-appell, imma jew għal ritrattazzjoni, jew għal kawża għad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' dik is-sentenza.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Zammit talab, quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li jiġi fissat il-"fair rent" tal-fond imsejjaħ Lily House, numru 155 The Strand, Sliema, lilu mikri mill-intimat;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tad-19 ta' Novembru 1958, li biha l-kera xieraq ġie fissat fis-somma ta' £45 fis-sena mill-bidu tal-kirja; spejjeż bla taxxa;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Zammit, li bih appella minn dik id-deċiżjoni u talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni tal-Board li Jirregola l-Kera tad-19 ta' Novembru 1958 fl-ismijiet premessi, in kwantu l-kera xieraq tad-dar Lily House, no. 155 The Strand, Sliema, ġie

stabbilit għal £45 fis-sena, u tordna li dak il-kera jiġi mill-ġdid stabbilit, wara li jinstemgħu l-provi tar-rikorrent; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent qiegħed jappella in bażi għall-motiv li, peress li l-Board tal-Kera ma ddekretax ir-rikors tiegħu fol. 19, li bih talab li tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex hu jkollu l-opportunità li jimpunja l-kontijiet eżibiti mill-intimat għar-raġunijiet imsemmija f'dak ir-rikors, għalhekk ma setgħax jagħmel dik l-impunjattiva;

L-intimat issolleva l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, għaliex ma hemmx punt ta' dritt deċiż fis-sentenza tal-Board, kif jeħtieġ li jkun hemm skond l-art. 25(1) Kap. 109 Ediz. Riveduta;

Verament, ebda punt ta' liġi ma hemm fis-sentenza appellata. Din il-Qorti hi ta' fehma li, se maj, il-pretiża tar-rikorrent tista' tagħti lok, mhux għall-appell, imma jew għal ritrattazzjoni, jew għal kawża għad-dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza "de qua'. Infatti, jekk ir-rikorrent jippretendi, kif jgħid fl-espożittiva tal-aggravji, fol. 23, li kien hemm vjolazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali "audi alteram partem", allura dan jista', "si et quatenus", jagħti lok għall-azzjoni ta' nullità (ara Kollez. Vol. XXXV-II-514, u Vol. XXXVII-II-675). Jekk, invece, hu jippretendi li ċ-ċirkustanzi minnu msemmijin fl-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors tiegħu fol. 19 jammontaw għal qerq, allura jista' jkun hemm lok, "si et quatenus", għar-ritrattazzjoni (Kollez. Vol. XXXV-I-125);

Jekk, mbgħad, ir-rikorrent jippretendi li l-prova naxxenti minn dawk l-irċevuti kienet nulla, għax mhix kontrollata minnu, u li l-konklużjoni tal-membri tal-Board, u kwindi d-deċiżjoni tal-Board, kienet unikament bażata fuq dik il-prova, allegatament nulla, anki f'dan il-każ ma

jkunx hemm, għall-finijiet tal-appelli, punt ta' dritt, imma *jkun każ ta' nullità* (ara l-aħħar konsiderando tas-sentenza ta' din il-Qorti, ġurisdizzjoni nferjuri, Kollez. XXXIII-I-830-832);

Fis-sistema legali ngliż hemm każijiet li fihom il-konklużjoni tat-tribunal ma tkunx sorretta bl-ebda prova ta' xejn, u tkun, kif jingħad, "perverse". F'każijiet simili, dan in-nuqqas assolut ta' prova joħloq fid-Dritt Ingliż punt ta' liġi (Crim. Law Rev. 1957, Div. Court, p. 479, riferita anki fil-"Commentary Crim. Law Review, Dec. 1958, p. 813). Imma fil-każ preżenti, is-sentenza tal-Board kienet bażata, "rebus sic stantibus", fuq ir-relazzjoni tal-membri teknići tiegħu; u għalhekk ma hemmx bżonn li tiġi affrontata f'dan il-każ il-kwistjoni jekk fis-sistema legali malti jistax ukoll jingħad li hemm punt ta' dritt meta d-deċiżjoni appellata tkun "perverse" fis-sens fuq spjegat;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità elevata mill-appellat, u *tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż* kontra l-appellant; salvi, "si et quatenus", kull dritt tiegħu, diversament esperibbli.